MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2009

Numru. 595/2009

Il-Pulizija
(Sp Edmond Cuschieri)
vs
Emanuel Micallef, iben Paul, imwieled Mosta fl-4 ta’ Mejju, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminjiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, fil-jiem u fix-xhur ta’ qabel it-13 ta’ april, 2009 minn ġewwa għalqa li tinsab fl-area magħrufa bħala ‘Tan-Nemli’, limiti ta’ Burmarrad ikkometta serq ta’ silla u qamħ għad-dannu ta’ Antoine Muscat u jew persuni oħra;

2. talli fit-13 ta' April, 2009 għal ħabta tal-10.30 p.m. minn ġewwa għalqa li tinsab fl-area magħrufa bħala 'Tan-Nemli', limiti ta' Burmarrad ikkometta serq ta' silla għad-dannu ta' Antoine Muscat u/jew persuni oħra liema serq hu aggravate bil-vjolenza, bil-lok, bil-ħin u bil-valur;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Joseph Muscat, liema offiża saret permezz ta' strument li jaqta' u jniggeż;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009 fejn il-partijiet qablu li l-ammont misruq hu tal-valur ta' mitejn euro (€200), liema soma ġiet mogħtija mill-imputat lill-parte ċivile seduta stante.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru, 2009 fejn il-parte ċivile ħafret lill-imputat u irrinunzjat għal dak kollox li hu rinunzjabbli.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment ezawrit dwar it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(a)(ċ)(e)(f), 262(1)(b), 263, 267, 269(ċ), 270, 274(ċ) u 277(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Rat il-fedina penali, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u il-fatt li ħallas dak kollu dovut. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' sebgħin euro (€70). Inoltre, tordna l-konfiska tal-minġel eżebit favor il-Gvern ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------